**MALTA**

**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Illum 19 ta' Settembru, 2016**

**Rikors Nru.: 419/2016MH**

**360 Food Imports Limited (C46590)**

**vs**

**Christopher (KI: 411867M) u Maria Carla (KI:45969M) konjugi Drago**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti fejn gie sottomess:

***"Illi s-socjeta esponenti t'opera fil-qasam tal-importazzjoni u bejgh lokalment ta' prodotti tal-ikel u xorb;***

***Illi l-intimati kienu xtraw diversi konsenji ta' merkanzija on credit minghand is-socjeta esponenti u dan hekk kif jidher minn Dok. A sa I, u cioe mill-Invoices mahruga lilhom;***

***Illi hekk kif jidher mill-istess dokumenti, l-intimati Drago kienu ihallas permezz ta' cheques bankarja, liema cheques ma gewx onorati u dan hekk kif jidher mill-istess Dok. A sa I;***

***Illi l-merkanzija mibjugha kienet ordnata u kkonsenjata lill-intimati Drago li accettaw l-istess merkanzija minghajr rservi;***

***Illi l-bilanc illum dovut mill-intimati Drago jammonta ghall-total ta' disa u tletin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro(€39,863)hekk kif jidher mid-dokumenti annessi Dok. A sa I.***

***Illi l-intimati interpellati diversi drabi w ghalkemm weghdu li ser ihallsu l-ammont minnhom dovut naqsu li jaghmlu l-hlasijiet necessarji;***

***Illi l-ammont ta' disa u tletin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro (€39,863) huwa cert likwidu u dovut u dawn il-fatti huma mgharufa minn Dr. Jonathan Abela (ID: 376185M), li qieghed jikkonferma l-istess bil-gurament tieghu jiddikjara li safejn jaf hu, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra din it-talba.***

***Ghaldaqstant, is-socjeta ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghda bir-rispett titlob li din l-Onorabbli Qorti jghogobha:***

1. ***Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;***
2. ***Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta esponenti l-ammont ta' disa u tletin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro (€38,863) bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom"***

***Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Jannar 2015 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."***

Rat illi fl-4 ta' Lulju, 2016, l-intimati gew notifikati bil-procedura tal-affissjoni;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2016, Dr. Jonathan Abela ghas-socjeta rikorrenti pprezenta nota kontenenti estratt mill-gazzetti lokali wahda bl-Ingliz u l-ohra bil-Malti;

Rat ukoll li fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2016, l-intimat meta msejjah ma deherx ghalkemm debitament notifikat;

Semghet lil Joseph Ellul Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti li kkonferma bil-gurament li d-dejn ghadu dovut;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

Tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-intimati biex ihallassu lis-lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' disa u tletin elf, tmien mija u tlieta u sittin ewro(€39,863), rapprezentanti l-ammont dovut mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh sal-jum tal-hlas effettiv;

Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Moqrija

Miriam Hayman
Imhallef

Vera Kopja

John Muscat
Dep. Reg.